**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 75/20**

**Ruben Debono**

**Vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors tar-rikorrent ippreżentat fit-30 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi dan huwa appell ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap 563 tal-Liġijiet ta' Malta minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet datata 10 ta' Settembru 2020, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok RD1;*

2. *Illi r-rikorrenti huwa wieħed mis-sidien u operaturi tal-fond ġja "Senglea FC" illi jinsab max-xatt tal-Isla bl-indirizz 17, Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea;*

3. *Illi nhar l-4 ta' Ġunju 2020, il-Perit Stephan Vancell, għan-nom tar-rikorrent, talab lill-Awtorità intimata sabiex tagħti l-kunsens tagħha sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità għall-Ippjanar għal "placing of tables and chairs on public pavement in front of existing social club, at Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea", u dan skont pjanti u d-dokumenti l-oħra li kienu annessi mal-istess applikazzjoni fejn saret it-talba (applikazzjoni bin-numru GLA12B/2020/0275, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata Dok RD2);*

4. *Illi nhar l-10 ta' Settembru 2020, l-Awtorità tal-Artijiet ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha illi kienet qed tirrifjuta l-kunsens tagħha għar-raġunijiet sussegwenti:*

*a. Placing of tables and chairs at this location is in breach of OCA Policy P1*
*b. OCA shall adversely affect the characteristics of the public open space*

5. *Illi kif elaborat fir-rapport imħejji mill-Perit Stephan Vancell, kopja ta' liema huwa anness mal-preżenti rikors u mmarkat Dok RD3, il-motivazzjoni għal tali rifjut mill-Awtorità hija għal kollox errata, u għandha tiġi revokata fl-intier tagħha, u dan inter alia, għar-raġunijiet segwenti:*

   i. *Preliminarjament, jiġi sottomess illi d-deċiżjoni tal-Awtorità hija vaga u ma tispeċifikax għalfejn u b'liema mod dak propost mill-esponenti, skont l-Awtorità, ser ikun qiegħed jikser il-policy minnha ċitata, b'dan illi l-esponenti huwa ppreġudikat għaliex ma jinsabx f'pożizzjoni illi jirregola ruħhom b'mod adegwat fir-rigward tar-rifjut illi ġie rinfaċċjat bih mill-Awtorità intimata;*

   ii. *In ogni każ u mingħajr preġudizzju, ma huwiex minnu illi dak propost mill-esponenti ser joħloq xi impatt negattiv fuq iż-żona, u dan kif elaborat fir-rapport anness;*

   iii. *Tant huwa hekk, illi tali permessi għal siġġijiet u mwejjed ma' waterfronts, huma regolarment mogħtija mhux biss f'din iż-żona in kwistjoni iżda anke bnadi oħra;*

   iv. *Fiż-żona in kwistjoni, addirittura ftit metri 'l bogħod mis-sit propost mill-esponenti, hemm diversi konċessjonijiet mogħtija mill-Awtorità intimata jew l-antekawża tagħha sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet minn diversi stabbilimenti oħra. Dan kif jirriżulta mir-ritratti annessi mal-imsemmi rapport Dok RD3. Għaldaqstant, l-esponenti ma jistax jifhem kif u għalfejn ġew applikati kriterji differenti għall-applikazzjoni tiegħu;*

   v. *In ogni każ, jiġi rilevat illi ma huwiex il-kompitu tal-Awtorità intimata illi tidħol f'tali konsiderazzjonijiet stante illi dawn għandhom isiru mill-Awtorità għall-Ippjanar illi hija l-awtorità kompetenti sabiex tevalwa applikazzjoni sottomessa mill-esponenti għal dan l-iskop fl-isfond tal-policies applikabbli għall-għotjien ta' tali permessi;*

6. *Illi r-rikorrenti huwa aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk qed iressaq dan l-umli appell a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kap 563 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex it-talba tal-esponenti għall-kunsens tiġi miċħuda mill-Awtorità intimata.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet kollha li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, ir-rikorrenti jitlob sabiex dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu, filwaqt li jilqa' dan l-appell, iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet tal-10 ta' Settembru 2020, salv dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet oħra illi dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż iżda mhux limitatament ordni sabiex l-Awtorità tal-Artijiet tapprova u tagħti l-kunsens tagħha għat-talba tar-rikorrenti bl-applikazzjoni bin-numru GLA12B/2020/0275."*

Ra r-risposta tal-**Awtorità intimata** ppreżentata fid-19 ta' Ottubru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Appell ta' Ruben Debono (K.I 422778M) quddiem dan l-Onorabbli Tribunal*
2. *Illi r-rikorrent permezz ta' applikazzjoni, bin-numru ta' referenza GLA12B/2020/0275 kien talab arranġamenti ta' mwejjed u siġġijiet :-*
   *'placing of tables and chairs on public pavement in front of existing social club '*
3. *Illi l-Awtorità tal-Artijiet kienet ċaħdet din l-applikazzjoni minħabba s-segwenti raġunijiet*
   a. *Placing of tables and chairs at this location is in breach of OCA Policy 1*
   b. *OCA shall adversely affect the characteristic of the public open space*

4. *Illi l-Awtorità tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*
   I. *Illi t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità hija wahda ġusta fil-forma fis-sustanza liema deċiżjoni ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti.*
   II. *Illi in oltre fl-istess deċiżjoni tagħha l-Awtorità tat raġuni skont il-prinċipju amministrattiv ormaj stabbilit, "the duty to give reasons";*
   III. *Illi għalhekk isegwi illi l-Awtorità intimata kienet fil-limiti tad-diskrezzjoni meta ċaħdet l-applikazzjoni odjerna*
   IV. *L-Awtorità mxiet skont il-Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Space (OCA Policy), u għalhekk kull allegazzjoni li din l-Awtorità mxiet b'mod diskriminatorju hija għalkollox bla ebda bażi, inveritiera u inġusta għax l-Awtorità tiddeċiedi skont policy li qiegħda ppubblikata biex tkun fl-għarfien tal-pubbliku kollu*
   V. *Illi mir-ritratti provduti stess mir-rikorent jidher ċar dan l-ispazju pubbliku ser jiġi impattat sostanzjalment*
   VI. *Illi din il-policy tħalli d-deċiżjoni f'idejn l-Awtorità biex tiddeċiedi jekk applikazzjoni ta' tables and chairs ma timpattax negattivament fuq l-ispazju pubbliku,*
   VII. *Illi l-Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space, OCA Policy, tgħid b'mod ċar li huwa l-kompitu tal-Awtorità kompetenti li tassigura li kwalunkwe applikazzjoni ma timpattax żoni ta' sinjifikat storiku, arkittetoniku, naturali u importanza soċjali;*

   ***<u>In the opinion of the permitting Authorities</u>*** *it does not adversely affect the characteristics of the public open space of significant historical, architectural, natural or social importance;*

   VIII. *Illi skont ir-rikorrent jargumenta li hemm numru ta' tables and chairs fl-istess żona, iżda l-Qorti kemm –il darba kellha l-okkażjoni tanalizza dan il-punt, eżempju fil-kawża Anthony Vella Vs L-Awtorità tal-Artijiet[1]:*

*Illi kif diġà ngħad f'sentenzi oħra ta' dan it-Tribunal, l-operaturi tan-negozji jridu jifhmu illi m'għandhom l-ebda dritt sagrosant illi għaliex għandhom stabbiliment*

[1] TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA 3 ta' Frar 2020 Rikors Numru 62/2019 Anthony Vella Vs L-Awtorità tal-Artijiet

> *neċessarjament l-Awtorità intimata trid takkomodahom u tirduppjalhom is-seating capacity bil-konċessjonijiet fuq art pubblika. L-art pubblika hija art li għandha titgawda minn kulħadd u jekk fil-passat ingħataw ċerti konċessjonijiet ma jfissirx illi l-Awtorità preżenti ma tistax tirrevedi policies biex taqdi aħjar il-funzjonijiet tagħha, fost oħrajn li tamministra bl-aħjar mod possibbli l-art pubblika. Dan dejjem sakemm din il-funzjoni teżerċitaha b'mod ġust u raġjonevoli*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni GLA12B/2020/0275 tal-għaxra (10) ta' Settembru elfejn u għoxrin (2020)."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrent;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità intimata;

Ra r-replika tar-rikorrent;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 10 ta' Settembru 2020 fejn ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tiegħu għal "*placing of tables and chairs on public pavement in front of existing social club, at Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea"* kienet qiegħed tiġi rifjutata għar-raġunijiet segwenti, u cioè:

*"a) Placing of tables and chairs at this location is in breach of OCA policy P1*
*b) OCA shall adversely affect the characteristics of the public open space."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa jiġġestixxi l-fond "Senglea FC" f'isem il-klabb "Senglea Athletic F.C." Jispjega li meta kien qiegħed isir *refurbishment* tal-fond, li huwa ntiż bħala *restaurant*, inkarigaw lill-Perit Stefan Vancell biex jassistihom jesploraw il-possibilità li jqiegħdu mwejjed u siġġijiet faċċata tal-fond. Wara li saru xi verifiki u rriżulta li kien hemm xi stabbilimenti li kellhom permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, huma ssottomettew l-applikazzjoni in kwistjoni. Madankollu din ġiet rifjutata stante li ġie nfurmat li tmur kontra Policy P1 tal-OCA Policy. Jispjega li hu ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni stante li l-imwejjed u s-siġġijiet ma kienu se joħolqu l-ebda impatt negattiv fuq l-ispazju pubbliku.

Huwa jisħaq li ma jistax jifhem kif il-konċessjonjiet li hemm eżistenti ma jimpattawx bl-istess mod kif l-Awtorità intimata ddeċidiet l-applikazzjoni odjerna.

**Il-Perti Stefan Vancell**, xehed illi huwa kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorità intimata għan-nom tar-rikorrent biex l-istess Awtorità tagħti l-kunsens tagħha biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet faċċata tal-istabbiliment tar-rikorrent, eżattament fuq il-parti tal-*waterfront* tal-Isla. Jispjega illi qabel ġiet sottomessa l-applikazzjoni, huwa ra viżwalment x'*commitments* kien hemm tul l-istess *waterfront* u rriżultalu li tul il-*waterfront* kollu kien hemm imwejjed, siġġijiet u anke *kiosks*. Jispjega li kien ukoll iċċekkja mar-rekords tal-Awtorità tal-Ippjanar minn fejn irriżultalu li l-istess Awtorità kienet ħarġet tliet permessi simili għal dak mitlub mir-rikorrenti.

Fir-rigward tar-raġunijiet mogħtija għar-rifjut, ix-xhud spjega li hija l-Awtorità tal-Ippjanar li għandha l-mansjoni tiddeċiedi hemmx impatt viżwali b'xi żvilupp u mhux l-Awtorità intimata.

**Antonia Farrugia,** *case officer* mal-Awtorità intimata, spjegat illi r-raġuni prinċipali tar-rifjut kienet illi l-Awtorità ħasset illi l-*area* kellha tibqa' titgawda mill-pubbliku. Mistoqsija r-raġuni għala ttieħdet tali deċiżjoni, ix-xhud wieġbet li din hija diskrezzjoni tal-Awtorità intimata. Però tispjega illi minn riċerka li għamlet, l-Awtorità intimata ma tat l-ebda konċessjoni oħra tul ix-xatt tal-Isla, ħlief *encroachment* ta' *kiosk* wieħed. Mistoqsija dwar tliet permessi esebiti mill-Perit Vancell waqt ix-xhieda tiegħu, ix-xhud wieġbet illi dawn kollu jirrelataw għall-perjodu qabel ħarġet l-OCA Policy, iġifieri qabel l-2016. Mistoqsija minn membru tat-Tribunal jekk hemmx xi linji gwida u jekk ir-regola li semmiet tapplikax għax-xatt kollu tal-Isla, ix-xhud ma kinitx f'posizzjoni li twieġeb għax kien il-Kumitat li jevalwa l-applikazzjoni li jiddeċiedi.

**Ikkunsidra:**

Għal aħjar intendiment tal-appell, it-Tribunal qiegħed jiċċita l-OCA Policy P1 li magħha jdur il-każ odjern:

*"P1 Outdoor Catering Areas – general design principles*

*The Outdoor Catering Area including the outdoor furniture and other related structures or equipment shall not extend beyond the permitted area and shall not encroach further on government-owned land.*

*The proposed Outdoor Catering Area shall only be permitted if:*

*i(a) it does not entail damage to existing heritage buildings, particularly scheduled properties and properties within Urban Conservation Areas, monuments, archaeological features including underground shelters, cisterns, or water galleries, rubble walls and natural stone paving;*

*i(b) it does not adversely affect important natural areas, such as Special Areas of Conservation, Special Protection Areas, Areas of Ecological Importance, Sites of Scientific Interest, and other similarly protected areas;*

***ii) in the opinion of the permitting Authorities it does not adversely affect the characteristics of the public open space of significant historical, architectural, natural or social importance****;*[2] *and;*

*iii) it does not conceal important architectural or natural features.*

*iv) it does not adversely impact on the accessibility for persons with disability, and does not feature obstacles to wheelchair users or a hazard to sight impaired persons."*

Illi minn qari tad-decizjoni appellata u mix-xhieda sottomessa quddiem dan it-Tribunal huwa evidenti li l-Awtorita` intimata kienet qiegħda tirreferi għar-raġuni enumerata (ii) ċitata hawn fuq.

Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija waħda vaga u ma tispeċifikax għalfejn u b'liema mod dak propost se jkun qiegħed jikser il-*policy* ċitata mill-istess Awtorità.

Illi minn eżami tar-raġuni tar-rifjut jirriżulta li għalkemm din hija maqsuma fi tnejn, madankollu r-raġun hija waħda, u cioè li dak propost se jaffetwa avversament il-karatteristiċi tal-ispazju pubbliku. Illi għalkemm it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni setgħet ġiet imniżżla ferm aħjar milli hi, madankollu ma huwiex tal-fehma illi nħoloq xi preġudizzju rrimedjabbli għar-rikorrent. Fil-fatt, il-Perit inkarigat mir-rikorrenti, kien fi grad li jħejji rapport dettaljat dwar għala ma jaqbilx mar-raġuni tar-rifjut. Illi minkejja li d-deċiżjoni mhix se tiġi annullata abbażi tal-ewwel aggravju, fil-fehma tat-Tribunal huwa awspikabbli li deċiżjonijet ta' awtorità pubblika jkunu iktar preċiżi u dettaljati li wieħed jista' jifhimhom mad-daqqa t'għajn.

Illi sorvolat dan l-ewwel aggravju, it-Tribunal se jeżamina l-aggravji l-oħra li kollha jirrigwardaw il-mertu tad-deċiżjoni. Illi l-aggravju prinċipali fil-mertu

[2] Enfasi tat-Tribunal

huwa li dak propost mir-rikorrent mhux se joħloq xi mpatt negattiv fiż-żona, tant hu hekk illi tali permessi jingħataw regolarment fl-istess żona u fi bnadi oħra.

Illi t-Tribunal għarbel il-provi prodotti f'din il-kawża u rriżultalu s-segwenti:-

1. Illi filwaqt li huwa minnu li fix-xatt tal-Isla hemm numru stabbilimenti li joħorġu mwejjed u siġġijiet tul ix-xatt, ma rriżultax illi dawn huma moniti b'xi permess tal-Awtorità intimata ħlief għal *kiosk* wieħed;
2. Illi filwaqt li r-rikorrent ippreżenta tliet (3) permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet tul ix-xatt tal-Isla, jirriżulta li dawn ħarġu qabel daħlet *in vigore* l-OCA Policy fl-2016. Di fatti tali permessi jirrisalu għas-snin 1997, 1998 u 2001;
3. Illi l-Awtorità intimata kienet ħadet deċiżjoni li tirrifjuta tali applikazzjoni biex ix-xatt in kwistjoni jibqa' jitgawda mill-pubbliku in ġenerali;
4. Illi mir-ritratti u dokumenti esebiti jirriżulta illi l-*area* in kwistjoni tifforma parti minn medda ta' art, jew aħjar *waterfront* b'diversi bankijiet fejn wieħed jistrieħ u jgawdi l-veduta;
5. Illi ma jirriżultax illi hemm xi *policy per se* tal-Awtorità fejn lesta tikkonċedi *encroachments* ta' mwejjed u siġġijiet, però l-istess Awtorità timxi każ b'każ wara li tiġi applikata l-OCA Policy.

Illi kif ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna, il-Qrati ma jistgħux jindaħlu fil-mertu ta' deċiżjoni li tkun ħaddnet Awtorità pubblika dwar xi pjan jew proġett sakemm tali deċiżjoni ma tkunx ittieħdet lil hinn mis-setgħat mogħtija lil dik l-Awtorità li tkun eżerċitat l-għażla jew sakemm l-istess deċiżjoni ma tittiħidx b'mod mhux xieraq jew mhux raġonevoli. Fi kliem l-awturi: "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice.*"[3]

Kif jgħallmu l-awturi: *"The principle of separation of powers confers matters of social and economic policy upon the legislature and not the judiciary. Courts should therefore avoid interfering with the exercise of discretion by elected officials or their appointees when its aim is the pursuit of policy. It is not for judges to weigh utilitarian calculations of social, economic or political interference."*[4]

Illi madankollu, meta t-Tribunal jintalab biex jistħarreġ għemil amministrattiv irid jara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil

[3] Hood Phillips & Jackson O Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law (7th Edit, 1987) paġ. 661
[4] Wolf, Jowell, LeSeur, DeSmith De Smith's Judicial Review (6th Edit, 2007) §1-026

ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali.[5] Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta t-Tribunal jintalab jistħarreġ għemil amministrattiv, huwa jista' u għandu jgħarbel kif l-Awtorità pubblika tkun eżercitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju,[6] iżda t-Tribunal ma għandu qatt jissostitwixxi b'tiegħu d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-Awtorità.[7]

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi l-Awtorità intimata ħasset illi x-xatt għandu jitgawda b'libertà assoluta mill-pubbliku in ġenerali. Illi kuntrarjament għal dak sottomess fir-replika tar-rikorrent, din ir-raġuni ma nġabitx l-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità intimata iżda kienet xehditha Antonia Farrugia fix-xhieda tagħha tad-9 ta' Frar 2021. Illi r-rikorrent, fir-replika tiegħu saħaq ukoll illi l-Awtorità intimata ma ġabet l-ebda prova illi ż-żona in kwistjoni għandha xi karatteristiċi storiċi u naturali. Illi huwa fatt magħruf illi ż-żona in kwistjoni hija waħda storika u għandha karetteristiċi naturali partikolari għaliha. Illi dan il-fatt jixhduh ukoll id-diversi ritratti esebiti mill-istess rikorrent. Kwindi t-Tribunal iqis li kieku kellu jingħad mod ieħor ikun qiegħed jonqos milli jagħmel apprezzament ġust taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ.

It-Tribunal qies ukoll l-argument imressaq mir-rikorrent fir-replika tiegħu fejn iċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Micallef vs l-Awtorità tal-Artijiet** deċiża fit-3 ta' Marzu 2021 fejn talba simili fl-istess żona ġiet miċħuda mill-Awtorità intimata, liema deċiżjoni ġiet konfermata mill-istess Qorti. Illi r-rikorrent irrileva li f'dik id-deċiżjoni, minkejja li s-sit fejn intalbu li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet kien fl-istess żona, l-Awtorità intimata ma semmietx li ż-żona kellha karetteristiċi storiċi u naturali. Illi t-Tribunal isib li dan l-argument ma jreġġix. Illi l-Awtorità intimata għandha dritt li tagħti kwalunke deċiżjoni li fl-opinjoni tagħha tkun xierqa u ġustifikata fiċ-ċirkostanzi. Il-fatt li fil-każ ta' Joseph Micallef ma ssemmewx il-karetteristiċi storiċi u naturali ma jfissirx illi ma kinux se jiġu preġudikati, però l-Awtorità intimata ħasset li kien hemm raġuni iktar impellenti għar-rifjut tal-applikazzjoni ta' Micallef, u cioè li kien se jiġi preġudikat it-tlugħ u nżul tad-dgħajjes fiż-żona.

It-Tribunal josserva illi filwaqt li hu veru li skont il-pjanti sottomessi mir-rikorrenti, se jkun hemm minn fejn wieħed jgħaddi, però l-bankina, anke jekk wiesgħa, se tiġi ristretta ħafna bit-tpoġġija tal-imwejjed u s-siġġijiet u jekk ikun

[5] App. Ċiv. 9.3.2007 fil-kawża fl-ismijiet Lawrence Borġ vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta et
[6] P.A. GV 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Attard vs Enemalta Corporation (mhix appellata)
[7] P.A. PS 28.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija (mhix appellata)

hemm nies bilqiegħda fuq il-bankijiet se jkun anke ta' inkonvenjent għalihom u għal min ikun għaddej, iktar u iktar jekk ikunu għaddejjin b'xi *pushchair* jew siġġu tar-roti. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, l-Awtorità intimata meta ġiet biex tibbilanċja l-interessi tal-privat mal-interessi tal-pubbliku in ġenerali, iddeċidiet favur l-interess pubbliku. *Del resto,* l-istess Awtorità għandha d-dover fil-liġi li tara li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika. Illi t-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-aħjar użu tal-art pubblika mhux neċessarjament għandu jiġi mkejjel ma' kemm l-istess Awtorità tkun se tiggwadanja f'termini finanzjarji. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Awtorità għandha wkoll tara x'effett se jkollha deċiżjoni li tippriva lill-pubbliku in ġenerali minn parti mix-xatt in kwistjoni. Illi għalhekk, fl-opinjoni tat-Tribunal, l-Awtorità intimata kienet raġunata fid-deċiżjoni tagħha meta qieset illi tali proposta kienet se taffettwa l-karattestiċi tal-istess spazju miftuħ, liema spazju huwa intiż biex jitgawda mill-pubbliku in ġenerali f'żona li hija pjuttost popolata u li tattira għadd ta' nies lejha.

Illi t-Tribunal jagħmel referenza għall-aggravju tar-rikorrent illi hemm stabbilimenti oħra fl-istess żona li ngħataw permess biex ipoġġu mwejjed u siġġijiet fuq il-medda tal-bankina in kwisjtoni. Illi r-rikorrent ipproduċa ritratti u permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar bħala prova ta' din iċ-ċirkostanza. Huwa saħaq li ma jistax jifhem kif allura dawn il-konċessjonijiet ma jiksrux l-OCA Policy. Illi t-Tribunal josserva illi l-permessi li r-rikorrent għamel referenza għalihom jirrisalu għal qabel l-2016, u cioè qabel it-tnedija tal-OCA Policy u kwindi ma jistgħux isiru paraguni stante li tali *policy* ma kinitx *in vigore* f'dak iż-żmien. In oltre, fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ma rriżultax illi l-istess stabbilimenti għandhom xi permess mill-Awtorità intimata u għalhekk it-Tribunal jissolleċita lill-istess Awtorità sabiex tieħu dawk il-passi neċessarji biex ma jkunx hemm abbużi. Dan għandu jsir ukoll sabiex iċ-ċittadin ma jingħatax l-impressjoni żbaljata li l-Awtorità intimata qiegħda teżerċita xi tip ta' diskriminazzjoni.

Illi fl-aħħarnett, it-Tribunal jagħmel referenza għall-aggravju tar-rikorrenti, u cioè, illi l-Awtorità intimata ma setgħetx tidħol f'konsiderazzjonijiet li jispettaw lill-Awtorità tal-Ippjanar. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' tali aggravju. Illi l-OCA Policy ġiet maqbula bejn erba' entitajiet governattivi, fosthom dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern, illum l-Awtorità intimata. Illi l-Awtorità intimata għandha kull dritt tapplika l-istess *policies* għall-art pubblika u tagħmel kull konsiderazzjoni u evalwazzjoni li tħoss li hija neċessarja sabiex isir l-aħjar użu tal-art, liema obbligu huwa mpost fuqha ai termini tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-aggravji kollha qegħdin jiġu miċħuda.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-ragunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**